MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

Laqgħa b'Urġenza

# 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 90

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fil-Bini Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, nhar it-Tlieta 12 ta' Ġunju, 2018 fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Stephen Sultana – Sindku
Is-Sur Jonathan Brimmer – Viċi Sindku
Is-Sur Silvio Vella – Kunsillier
Is-Sur Jason Mangani – Kunsillier
Is-Sa Elizabeth Vella – Kunsillier
Is-Sur Horace Anastasi – Kunsillier
Is-Sur Darren Carabott – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Ħadd

ASSENTI
Is-Sur Gianluca Falzon – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sa Jane Yvonne Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

AGENDA

90.1 Ħatra ta' Aġent Segretarju Eżekuttiv

MINUTI

Is-Sindku Stephen Sultana ppresieda l-laqgħa.

90.1 Is-Sindku informa lill-membri li għandha issir ħatra ta' Aġent Segretaju Eżekuttiv sakemm isir il-proċess tal-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv.

Fis-6.04 ta' filgħaxija, waslet is-Sa Elizabeth Vella u ngħaqdet mal-kumplament tal-membri.

Għaldaqstant, is-Sindku rrakomanda lis-Sur Michael Mifsud bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv *in vista* li għandu l-esperjenza ta' Segretarju Eżekuttiv kif ukoll serva f'din il-kariga fil-Kunsill Lokali ta' Santa Venera u li effettivament għadu parti mill-*pool* ta' Segretarji Eżekuttivi. Is-Sur Jason Mangani ssekonda din ir-rakkomandazzjoni.

Il-membri qablu unanimament.

Fis-6.15 ta' filgħaxija, is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa.

Ikkonfermati llum 25 ta' Ġunju, 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stephen Sultana<br>Sindku | Jane Yvonne Spiteri<br>Segretarju Eżekuttiv |